

# **Linji Gwida Preparatorji dwar l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott mill-impriżi tal-assigurazzjoni u d-distributuri tal-assigurazzjoni**

## **Introduzzjoni**

- 1.1. Skont l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu (16) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "ir-Regolament EIOPA")<sup>1</sup>, l-EIOPA qiegħda toħroġ Linji Gwida Preparatorji indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti dwar kif wieħed għandu jiproċedi fil-perjodu preparatorju li jwassal għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (minn hawn 'il quddiem "IDD")<sup>2</sup> u l-applikazzjoni tal-atti delegati previsti fih. Il-Linji Gwida Preparatorji nħarġu bl-iskop li jistabbilixxu prattiki ta' sorveljanza konsistenti, effiċjenti u effikaċi rigward l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott, kif spjegat fl-Artikolu 25 tal-IDD, u biex jimlew il-vojt sakemm dawk id-dispożizzjonijiet fl-IDD jiġu applikati bis-sħiħ.
- 1.2. L-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott għandhom rwol ewljeni fil-protezzjoni tal-konsumatur biex jiżguraw li l-prodotti tal-assigurazzjoni jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq fil-mira u b'hekk, itaffu l-bejgħ ħażin. Dawn huma element essenzjali tar-rekwiżiti regolatorji l-ġoddha skont l-IDD. Minħabba r-rilevanza tagħhom f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur, huwa ta' importanza kbira li r-rekwiżiti l-ġoddha jiġu implementati kif xieraq mill-bidu u applikati malajr kemm jista' jkun. Dan jiġiustifika l-ħruġ tal-Linji Gwida preparatorji biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jsegwu approċċ konsistenti u konverġenti fir-rigward tal-preparazzjoni tal-implementazzjoni tal-IDD.
- 1.3. Il-Linja Gwida Preparatorji ma għandhomx biss l-ġhan li jappoġġjaw l-awtoritajiet kompetenti meta jimplimentaw l-IDD, iżda għandhom ukoll l-ġhan li jilħqu konsistenza transsettōrjali. Peress li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)<sup>3</sup> u l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)<sup>4</sup> digħi ħarġu linji gwida dwar l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott, il-Linji Gwida għandhom l-ġhan li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fis-Swieq finanzjarji u jipprevjenu arbitraġġ regolatorju.
- 1.4. Minħabba n-natura tagħħom bħala Linji Gwida preparatorji, mhijiex l-intenzjoni tal-Linji Gwida li jitkol azzjoni ta' infurzar mill-awtoritajiet kompetenti jekk isiru jafu bi prattiki li mhumiex konformi għal kollex mal-Linji Gwida, imma li l-awtoritajiet kompetenti jiddiskutu l-modi possibbli għal azzjoni rimedjali xierqa

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

<sup>2</sup> ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19.

<sup>3</sup> Il-pariri tekniċi tal-ESMA lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-atti delegati għall-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott fl-MiFID II: [http://www.esma.europa.eu/system/files/2014-1569\\_final\\_report\\_-\\_esmas\\_technical\\_advice\\_to\\_the\\_commission\\_on\\_mifid\\_ii\\_and\\_mifir.pdf](http://www.esma.europa.eu/system/files/2014-1569_final_report_-_esmas_technical_advice_to_the_commission_on_mifid_ii_and_mifir.pdf)

<sup>4</sup> Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott għal prodotti bankarji bl-imnut: <http://www.eba.europa.eu/documents/10180/1141044/EBA-GL-2015-18+Guidelines+on+product+oversight+and+governance.pdf/d84c9682-4f0b-493a-af45-acbb79c75bfa>

mal-partiċipanti fis-suq. Għalhekk, l-għan ta' dawn il-Linji Gwida preparatorji huwa li jappoġġjaw u jipprovdu gwida lill-awtoritajiet kompetenti fil-passi preparatorji tagħhom, li jwasslu għal implementazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti organizzattivi dwar l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott tal-IDD fi stadju bikri. Dan jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw digħi l-aspettattiva tal-EIOPA fil-fażi ta' implementazzjoni, u dan inaqqa ir-riskju ta' approċċi differenti fil-livell nazzjonali u l-bżonn ta' allinjament ulterjuri għall-fini ta' konsistenza, u fi żmien aktar tard, ta' kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri.

- 1.5. Barra minn hekk, l-EIOPA ser tirrevedi l-Linji Gwida preparatorji ladarba jiġu adottati l-atti delegati skont l-IDD biex tivvaluta sa liema punt hija meħtieġa reviżjoni tal-Linji Gwida.
- 1.6. Skont il-Pożizzjoni Konġunta tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej dwar il-Proċessi ta' Sorveljanza u Governanza tal-Prodott tal-Manifatturi<sup>5</sup>, il-Linji Gwida jikkunsidraw il-Premessa 16 u l-Artikoli 40 u 41(1) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (minn hawn 'il quddiem "Solvibbiltà II")<sup>6</sup> li jipprevedu dan li ġej:
  - "L-għan ewljeni tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni huwa l-ħarsien adegwat tat-titolari tal-polza u tal-benefiċjarji..."<sup>7</sup>,
  - "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jingħataw il-mezzi meħtieġa, u jkollhom il-konoxxenza esperta, l-kapaċità relevanti, u jkollhom mandat biex iwettqu l-għan ewljeni ta' superviżjoni, jiġifieri l-ħarsien tat-titolari ta' poloz u l-benefiċjarji"<sup>8</sup>.
  - "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriżza tal-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni ikollu r-responsabbiltà aħħarija għall-konformità, tal-impriżza kkonċernata, mal-liġijiet, r-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva"<sup>9</sup>.
  - "L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-rijassigurazzjoni jkollhom fis-seħħi sistema effettiva ta' governanza li tipprovd għal-ġestjoni korretta u prudenti tan-negozju"<sup>10</sup>.
- 1.7. Il-Linji Gwida Preparatorji jikkunsidraw ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott tal-IDD, kif stabbilit fl-Artikolu 25 tagħha, li jiddikjaraw dan li ġej:

<sup>5</sup> [https://eiopa.europa.eu/Publications/Administrative/JC-2013-77\\_\\_POG\\_-\\_Joint\\_Position\\_.pdf](https://eiopa.europa.eu/Publications/Administrative/JC-2013-77__POG_-_Joint_Position_.pdf)

<sup>6</sup> ĠU L 335, 17.12.2009, p.1.

<sup>7</sup> Premessa 16 ta' Solvibbiltà II

<sup>8</sup> Artikolu 27 ta' Solvibbiltà II

<sup>9</sup> Artikolu 40 ta' Solvibbiltà II

<sup>10</sup> L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 41(1) ta' Solvibbiltà II

- "Impriżi tal-assigurazzjoni, kif ukoll intermedjarji li jiproduċu xi prodott tal-assigurazzjoni għall-bejgħ lill-klijenti, għandhom iżommu, iħaddmu u jeżaminaw mill-ġdid proċess għall-approvazzjoni ta' kull prodott tal-assigurazzjoni jew adattamenti sinifikanti ta' prodott tal-assigurazzjoni eżistenti, qabel ma dan jiġi kkummerċjalizzat jew imqassam lill-klijenti."
  - "Il-proċess tal-approvazzjoni tal-prodott għandu jkun proporzjonat u xieraq għan-natura tal-prodott tal-assigurazzjoni."
  - "Il-proċess tal-approvazzjoni tal-prodott għandujispeċifika suq fil-mira identifikat ta' klijenti għal kull prodott, u jiżgura li r-riskji rilevanti kollha għal tali suq fil-mira identifikat jiġu vvalutati, l-istratgeġja tad-distribuzzjoni intenzjonata tkun konsistenti mas-suq fil-mira identifikat, u li jittieħdu passi raġonevoli biex jiġi żgurat li l-prodott tal-assigurazzjoni jitqassam għas-suq fil-mira identifikat."
  - "L-impriża tal-assigurazzjoni għandha tifhem u tirrevedi fuq bażi regolari l-prodotti tal-assigurazzjoni li toffri jew tikkummerċjalizza, filwaqt li tqis kwalunkwe avveniment li jista' materjalment jaffettwa r-riskju potenzjali għas-suq fil-mira identifikat, biex tal-anqas tivvaluta jekk il-prodott jibqax konsistenti mal-ħtiġijiet tas-suq fil-mira identifikat u jekk l-istratgeġja ta' distribuzzjoni maħsuba għadhiex adegwata."
  - "Impriża tal-assigurazzjoni, kif ukoll intermedjarji li jiproduċu prodotti tal-assigurazzjoni, għandhom jagħmlu disponibbli lil kwalunkwe distributur l-informazzjoni kollha xierqa dwar il-prodott tal-assigurazzjoni u l-proċess ta' approvazzjoni tal-prodott, inkluż is-suq fil-mira identifikat tal-prodott tal-assigurazzjoni."
  - "Meta distributur ta' assigurazzjoni jagħti parir dwar, jew jirrakkomanda, prodotti tal-assigurazzjoni li ma jiproduċix hu stess, dan għandu jkollu arranġamenti adegwati biex jikseb l-informazzjoni msemmija fil-ħames subparagrafu u biex jifhem il-karatteristiċi u s-suq fil-mira identifikat ta' kull prodott tal-assigurazzjoni."
- 1.8. L-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott għandhom prinċipalment jitqiesu bħala implementazzjoni tal-objettiv fundamentali ta' sorveljanza tal-assigurazzjoni, jiġifieri l-protezzjoni tad-detenturi ta' polza u l-benefiċjarji kif iddiċċi f'Solvibbiltà II.
- 1.9. Minħabba l-iskop u l-objettivi tagħihom, l-arranġamenti organizzattivi kif spiegati fil-Linji Gwida għandhom rabta sostanzjali mas-sistema ta' governanza skont il-qafas ta' Solvibbiltà II, li jeħtieġu li d-ditti jkollhom ġestjoni soda u prudenti tan-negozju taħt approċċ ibbażat fuq ir-riskju li jinkludi sistema ta' ġestjoni tar-riskju xierqa. L-arranġamenti organizzattivi li għandhom l-għan li jiżguraw disinn korrett tal-prodotti tal-assigurazzjoni jaqgħu taħt is-sistema ta'

governanza tal-impriża tal-assigurazzjoni. Il-Linji Gwida jintroduċu proċessi u miżuri espliċiti ħafna fir-rigward tad-disinn, l-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' prodotti tal-assigurazzjoni ġodda.

- 1.10. F'dan il-kuntest, l-IDD ser tipprovdi għal regolamentazzjoni dettaljata li tqis il-profili speċifiċi ta' trasparenza u protezzjoni tal-konsumatur, kemm fir-rigward tad-disinn tal-prodott kif ukoll tat-tqassim tiegħu. Fuq din il-bażi, l-arraġġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott għandhom is-sisien tagħhom f'Solvibbiltà II kif ukoll fl-IDD, b'din tal-aħħar tispeċifika r-rekwiżiti mil-lat tal-protezzjoni tal-konsumatur u żżid ir-rekwiżiti għad-distributuri, li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas ta' Solvibbiltà II.
- 1.11. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti. Minkejja r-referenzi espliċiti għall-impriżi tal-assigurazzjoni u d-distributuri tal-assigurazzjoni, dan id-dokument ma għandux jinqara bħallikieku qiegħed jimponi xi rekwiżit dirett fuq dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji. L-istituzzjonijiet finanzjarji huma mistennija li jikkonformaw mal-qafas regolatorju jew superviżorju applikat mill-awtorità kompetenti tagħhom.
- 1.12. L-arraġġamenti spjegati f'dawn il-Linji Gwida jirreferu għall-proċessi, il-funzjonijiet u l-istrateġiji interni għad-disinn u t-tqegħid ta' prodotti fis-suq, il-monitoraġġ u r-rieżami tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. L-arraġġamenti jvarjaw skont jekk l-entitajiet regolati jkunux qiegħdin jaġixxu bħala manifattur u/jew distributuri tal-prodotti tal-assigurazzjoni u jirreferu għal passi bħal:
  - (i) l-identifikazzjoni tas-suq fil-mira li għalihom il-prodott jitqies xieraq;
  - (ii) l-identifikazzjoni tas-segmenti tas-suq li għalihom il-prodott ma jitqiesx xieraq;
  - (iii) it-twettiq ta' analiżi tal-prodott biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-prodott mistennija f'xenarji taħt stress differenti;
  - (iv) it-twettiq ta' rieżamijiet tal-prodott biex jiġi vverifikat jekk il-prestazzjoni tal-prodott tistax twassal għad-detriment tal-konsumaturi u, f'każ li jseħħi dan, jittieħdu azzjonijiet biex jitbiddlu l-karatteristiċi tiegħu u jitnaqqas id-detriment;
  - (v) l-identifikazzjoni tal-mezzi ta' distribuzzjoni rilevanti filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tas-suq fil-mira u tal-prodott;
  - (vi) il-verifika li l-mezzi ta' distribuzzjoni jaġixxu f'konformità mal-arranġamenti ta' sorveljenza u governanza tal-prodott tal-manifattur.
- 1.13. Il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni huwa responsabbi mill-istabbiliment u r-rieżamijiet sussegwenti tal-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott ma għandhomx jinfieħmu bħala li jintroduċu funżjoni ewlenja ġidha għall-impriżi tal-assigurazzjoni. Barra minn hekk, dawn l-arranġamenti mħumiex bilfors marbuta mal-ġestjoni tar-riskju, l-awditjar intern, il-funzjonijiet attwarjali u ta' konformità tal-impriżi tal-assigurazzjoni, kif preskritt minn Solvibbiltà II.

- 1.14. L-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott huma kumplimentari għar-regoli tal-iżvelar tal-punt tal-bejgħ (fejn japplikaw) li jirrikjedu żvelar proattiv ta' deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, ir-riskji tiegħu u l-prezz totali tal-prodott, li jinkludi t-tariffi, il-ħlasijiet u l-ispejjeż kollha relatati, li għandhom jitħallsu mill-konsumatur.
- 1.15. L-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott iridu jkunu proporzjonati mal-livell ta' kumplessità u mar-riskji relatati mal-prodotti, kif ukoll man-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-neozju rilevanti tal-entità regolata.
- 1.16. Il-Linji Gwida jkopru l-arranġamenti li ġeneralment japplikaw għal kull impriża tal-assigurazzjoni u kull distributur tal-assigurazzjoni, inkluża kwalunkwe persuna fīžika jew ġuridika li ssegwi l-attivitā ta' distribuzzjoni tal-assigurazzjoni, indipendenti mill-kwistjoni jekk dawn l-attivitajiet humiex segwiti bħala attivitā professjonal ewlenija jew fuq bażi anċillari, minn sensar indipendenti jew minn aġġent marbut, sakemm ikunu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-IDD. Madankollu, l-awtorijiet kompetenti għandhom jieħdu approċċ proporzjonat u bbażat fuq ir-riskju meta jkunu qeqħdin japplikaw dawn il-Linji Gwida. Dawn il-Linji Gwida ma japplikawx għas-servizzi jew il-prodotti li huma eżentati b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-IDD, bħal ċerti attivitajiet fuq bażi anċillari kif definit fl-Artikolu 1(3) jew għal prodotti tal-assigurazzjoni li jikkonsitu fl-assigurazzjoni ta' riskji kbar kif iddikjarat fl-Artikolu 25(4) tagħha.
- 1.17. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmu kull sforz possibbli biex jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida fir-rigward tal-prodotti li għadhom kemm ġew iddisinjati jew immodifikati sostanzjalment. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw li, mid-data tad-dħul fis-seħħi tal-miżuri nazzjonali li jimplimentaw dawn il-Linji Gwida, jitkolbu konformità ma' tal-inqas il-Linja Gwida 8 (Il-monitoraġġ tal-prodott) u l-Linja Gwida 9 (Azzjoni rimedjali) tal-Kapitolu I għal prodotti li għadhom jitqassmu jew li jitqiegħdu fis-suq qabel din id-data.
- 1.18. Meta japplikaw dawn il-Linji Gwida, l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ li jagħtu kunsiderazzjoni xierqa, fejn rilevanti, lil-Linji Gwida tal-EIOPA dwar is-Sistema ta' Governanza taħt Solvibbiltà II<sup>11</sup>, il-Linji Gwida tal-EIOPA dwar it-Trattament tal-Ilmenti mill-Impriżi tal-Assigurazzjoni<sup>12</sup>, kif ukoll il-Linji Gwida tal-EIOPA dwar it-Trattament tal-Ilmenti mill-Intermedjarji tal-Assigurazzjoni<sup>13</sup>.
- 1.19. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, ġew żviluppati dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

<sup>11</sup> Disponibbli minn [https://eiopa.europa.eu/GuidelinesSII/EIOPA\\_Guidelines\\_on\\_System\\_of\\_Governance\\_MT.pdf#search=system%20of%20governance%20Guidelines](https://eiopa.europa.eu/GuidelinesSII/EIOPA_Guidelines_on_System_of_Governance_MT.pdf#search=system%20of%20governance%20Guidelines)

<sup>12</sup> Disponibbli minn <https://eiopa.europa.eu/publications/eiopa-Guidelines/index.html>.

<sup>13</sup> Disponibbli minn <https://eiopa.europa.eu/publications/eiopa-Guidelines/Guidelines-on-complaints-handling-by-insurance-intermediaries>

- *Manifattur* tfisser impriża tal-assigurazzjoni u intermedjarju tal-assigurazzjoni li jimmanifattura prodotti tal-assigurazzjoni biex jinbiegħu lill-konsumaturi.
  - *Suq fil-mira* tfisser il-grupp(i) ta' konsumaturi li għalih(om) qiegħed jitfassal il-prodott mill-manifattur.
  - *Strateġija ta' distribuzzjoni* tfisser strateġija li tindirizza l-kwistjoni dwar kif il-prodotti tal-assigurazzjoni jitqassmu lil-konsumaturi, b'mod partikolari jekk il-prodott għandux jinbiegħ biss fejn jingħata parir.
  - *Prodotti* tfisser il-klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja u assigurazzjoni tal-ħajja elenkti fl-Anness I u l-Anness II ta' Solvibbiltà II.
- 1.20. It-termini li mhumiex definiti f'dawn il-Linji Gwida għandhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.

## **Kapitolu 1 - Linji Gwida Preparatorji għall-impriżi tal-assigurazzjoni u l-intermedjarji tal-assigurazzjoni li jimmanifatturaw il-prodotti tal-assigurazzjoni li jinbiegħu lill-konsumaturi**

### **Linja Gwida 1 - L-istabbiliment ta' arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott**

- 1.21. Il-manifattur għandu jistabbilixxi u jimplimenta l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott li jistipulaw il-miżuri u proċeduri xierqa li għandhom l-għan li jiddisnjaw, *jissorveljaw*, jirrieżaminaw u jqassmu l-prodotti lill-konsumaturi, kif ukoll jieħdu azzjoni fir-rigward tal-prodotti li jistgħu jwasslu għad-detriment tal-konsumaturi (l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott).
- 1.22. L-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott iridu jkunu proporzjonati mal-livell ta' kumplessità u mar-riskji relatati mal-prodotti, kif ukoll man-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju rilevanti tal-entità regolata.
- 1.23. Il-manifattur għandu jistabbilixxi l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott f'dokument miktub (il-politika ta' sorveljanza u governanza tal-prodott) u jagħmluh disponibbli lill-persunal rilevanti tiegħu.

### **Linja Gwida 2- L-objettivi tal-arranġamenti ta' sorveljanza u goveranza tal-prodott**

- 1.24. L-arranġamenti ta' sorveljanza u goveranza tal-prodott għandu jkollhom l-għan li jipprevjenu u jtaffu d-detiment għall-konsumatur, jappoġġaw ġestjoni tajba tal-kunflitti ta' interess u għandhom jiżguraw li jitqiesu kif xieraq l-objettivi, l-interessi u l-karatteristiċi tal-konsumaturi.

### **Linja Gwida 3- Ir-rwol tal-maniġment**

1.25. Il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-manifattur, jew xi struttura ekwivalenti responsabbi mill-manifattura tal-prodotti tal-assigurazzjoni, għandhom japprova u jkunu finalment responsabbi mill-istabbiliment, l-implimentazzjoni, ir-rieżamijiet sussegwenti u t-tkomplija tal-konformità interna mal-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott.

### **Linja Gwida 4- Ir-rieżami tal-arranġamenti ta' governanza u sorveljanza tal-prodott**

1.26. Il-manifattur għandu jirrieżamina regolarmen l-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott biex jiżgura li huma għadhom validi u aġġornati, u l-manifattur għandu jemendahom fejn ikun xieraq.

### **Linja Gwida 5- Is-suq fil-mira**

1.27. Il-manifattur għandu jinkludi l-passi xierqa fl-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott tiegħu sabiex jidentifika s-suq fil-mira rilevanti ta' prodott.

1.28. Il-manifattur għandu jfassal u jqiegħed fis-suq biss il-prodotti b'karatteristiċi u permezz ta' mezzi ta' distribuzzjoni identifikati li huma allinjati mal-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tas-suq fil-mira.

1.29. Meta jkun qed jiddeċiedi jekk prodott huwiex allinjat jew le mal-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi ta' suq fil-mira partikolari, il-manifattur għandu jikkunsidra l-livell ta' informazzjoni disponibbli fis-suq fil-mira u l-grad ta' kapaċità finanzjarja u ta' litteriżmu tas-suq fil-mira.

1.30. Il-manifattur għandu jidentifika wkoll il-gruppi ta' konsumaturi li għalihom il-prodott jitqies bħala li mhux probabbli li jkun allinjat mal-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tagħhom.

## **Linja Gwida 6 - Il-ħiliet, I-għarfien u I-kompetenzi tal-persunal involut fid-disinn tal-prodotti**

- 1.31. Il-manifattur għandu jiżgura li l-persunal rilevanti involut fid-disinn tal-prodotti jkollu l-ħiliet, I-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa sabiex jifhem sew il-karatteristiċi prinċipali tal-prodott kif ukoll l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tas-suq fil-mira.

## **Linja Gwida 7 - L-ittestjar tal-prodott**

- 1.32. Qabel ma prodott jitqiegħed fis-suq, jew jekk jinbidel is-suq fil-mira, jew jekk jiġi introdott tibdil f'prodott eżistenti, il-manifattur għandu jwettaq ittestjar xieraq tal-prodott inkluż jekk rilevanti, l-analiżi tax-xenarji. L-ittestjar tal-prodott għandu jivvaluta jekk il-prodott huwiex konformi mal-objettivi tas-suq fil-mira tul il-ħajja tal-prodott.
- 1.33. Jekk ir-riżultati tal-ittestjar tal-prodott juru li l-prodott mhuwiex allinjat mal-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tas-suq fil-mira, il-manifattur ma għandux iqiegħed prodott fis-suq.
- 1.34. Il-manifattur għandu jwettaq l-ittestjar tal-prodott b'mod kwalitattiv u, fejn xieraq, kwantifikabbi skont it-tip u n-natura tal-prodott, u r-riskju relatati ta' detriment għall-konsumatur.

## **Linja Gwida 8 - Il-monitoraġġ tal-prodott**

- 1.35. Ladarba il-prodott jitqassam, il-manifattur għandu jissorvelja fuq bażi kontinwa li l-prodott jibqa' allinjat mal-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tas-suq fil-mira.

## **Linja Gwida 9 - Azzjoni rimedjali**

- 1.36. Jekk il-manifattur, tul il-ħajja tal-prodott, jidentifika xi ċirkostanzi li huma relatati mal-prodott u li jistgħu jwasslu għal riskju ta' detriment tal-konsumatur, il-manifattur għandu jieħu azzjoni xierqa biex itaffi s-sitwazzjoni u jipprevjeni li jerġa' jseħħi xi detriment.
- 1.37. Jekk rilevanti, il-manifattur għandu jinnotifika minnufih kwalunkwe azzjoni rimedjali rilevanti lid-distributuri involuti u lill-konsumaturi.

## **Linja Gwida 10 - Mezzi ta' distribuzzjoni**

- 1.38. Il-manifattur għandu jagħżel il-mezzi ta' distribuzzjoni li huma xierqa għas-suq fil-mira skont il-karatteristiċi partikolari tal-prodott.
- 1.39. Il-manifattur għandu jagħżel id-distributuri b'attenzjoni xierqa.
- 1.40. Il-manifattur għandu jipprovdi informazzjoni, inklużi d-dettalji tal-prodotti lid-distributuri, ta' standard adegwat, li tkun ċara, preċiża u aġġornata.
- 1.41. L-informazzjoni mogħtija lid-distributuri trid tkun biżżejjed sabiex tippermettilhom:
  - jifhmu u jqiegħdu l-prodott fis-suq fil-mira kif suppost;
  - jidentifikaw għal liema suq fil-mira ġie ddisinjat il-prodott u jidentifikaw ukoll il-grupp ta' konsumaturi li għalihom il-prodott jitqies bħala li probabbilment mhux ser jissodisfa l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tagħhom.
- 1.42. Il-manifattur għandu jieħu kull pass raġonevoli sabiex jiżgura li l-mezzi ta' distribuzzjoni jaġixxu b'konformità mal-objettivi tal-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott tal-manifattur.
- 1.43. Il-manifattur għandu jeżamina, fuq bażi regolari, jekk il-prodott jitqassamx lill-konsumaturi li jappartjenu lis-suq fil-mira rilevanti.
- 1.44. Meta l-manifattur jikkunsidra li l-mezz ta' distribuzzjoni ma jissodisfax l-objettivi tal-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott tal-manifattur, dan għandu jieħu azzjonijiet rimedjali fil-konfront tal-mezz ta' distribuzzjoni.

## **Linja Gwida 11 - L-esternalizzazzjoni tad-disinn tal-prodott**

- 1.45. Jekk il-manifattur jaħtar parti terza biex tiddisinja l-prodotti f'ismu, huwa għandu jieħu responsabbiltà sħiħa għall-konformità mal-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott kif deskrirt f'dawn il-Linji Gwida.

## **Linja Gwida 12 - Id-dokumentazzjoni tal-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott**

- 1.46. L-azzjonijiet rilevanti meħuda mill-manifattur fir-rigward tal-arranġamenti ta' sorveljanza u governanza tal-prodott għandhom jiġu ddokumentati kif xieraq, jinżammu għall-finijiet ta' awditjar u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom.

## **Kapitolu 2 - Linji Gwida Preparatorji għad-distributuri tal-assigurazzjoni li jqassmu l-prodotti tal-assigurazzjoni li ma jiddu jidher**

### **Linja Gwida 13- L-istabbiliment tal-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott**

- 1.47. Id-distributur għandu jistabbilixxi u jimplimenta l-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott, li jistabbilixxu l-miżuri u l-proċeduri xierqa biex tiġi kkunsidrata l-firxa ta' prodotti u servizzi li d-distributur beħsiebu joffri lill-konsumaturi tiegħu, għar-rieżami tal-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott u biex jikseb kull informazzjoni meħtieġa dwar il-prodott(i) mill-manifattur(i).
- 1.48. L-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott iridu jkunu proporzjonati mal-livell ta' kumplessità u mar-riskji relatati mal-prodotti, kif ukoll man-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negożju rilevanti tal-entità regolata.
- 1.49. Id-distributur għandu jistabbilixxi l-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott f'dokument miktub u jagħmlu disponibbli lill-persunal rilevanti tiegħu.

### **Linja Gwida 14- L-objettivi tal-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott**

- 1.50. L-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott għandu jkollhom l-għan li jipprevjenu u jtaffu d-detrimment għall-konsumatur, jappoġġjaw ġestjoni tajba tal-kunflitti ta' interess u għandhom jiżguraw li l-objettivi, l-interessi u l-karatteristiċi tal-konsumaturi jitqiesu kif xieraq.

### **Linja Gwida 15 - Ir-rwol tal-maniġment**

- 1.51. Il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tad-distributur, jew xi struttura ekwivalenti responsabbi mit-tqassim tal-prodotti tal-assigurazzjoni għandu japrova u jkun finalment responsabbi mill-istabbiliment, l-implementazzjoni, ir-rieżamijiet sussegwenti, u t-tkomplija tal-konformità interna mal-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott.

### **Linja Gwida 16 - Il-kisba tal-informazzjoni kollha meħtieġa dwar is-suq fil-mira mill-manifattur**

- 1.52. L-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li d-distributur jikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-manifattur dwar il-

prodott tal-assigurazzjoni, il-proċess ta' approvazzjoni tal-prodott u s-suq fil-mira sabiex jifhmu għal liema konsumaturi qiegħed jitfassal il-prodott kif ukoll il-grupp(i) ta' konsumaturi għal liema mhuwiex iddisinjat il-prodott.

### **Linja Gwida 17 - Il-kisba tal-informazzjoni l-oħra kollha meħtieġa dwar il-prodott mil-manifattur**

- 1.53. L-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li d-distributur jikseb l-informazzjoni l-oħra kollha meħtieġa mill-manifattur sabiex jissodisfa l-obbligi regolatorji tiegħu fil-konfront tal-konsumaturi. Din tinkludi l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-prodotti, ir-riskji u l-ispejjeż, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li jistgħu jikkawżaw kunflitt ta' interess li jkun ta' detriment għall-konsumatur.

### **Linja Gwida 18 - L-istrateġija ta' distribuzzjoni**

- 1.54. Meta d-distributur iwaqqaf, jew isegwi strateġija ta' distribuzzjoni, din ma għandhiex tmur kontra l-istrateġija ta' distribuzzjoni u s-suq fil-mira identifikat mill-manifattur tal-prodott tal-assigurazzjoni.

### **Linja Gwida 19 - Rieżami regolari tal-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott**

- 1.55. Biex jiżgura li l-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott għadhom validi u huma aġġornati, id-distributur irid jirrieżamina dawn b'mod regolari u għandu jemendahom fejn ikun xieraq, b'mod partikolari, l-istrateġija ta' distribuzzjoni, jekk ikun hemm waħda.

### **Linja Gwida 20 - Informazzjoni dwar il-provvediment ta' bejgħi lill-manifattur**

- 1.56. Id-distributur għandu jinforma lil manifattur, mingħajr ebda dewmien, jekk isir jaf li l-prodott mhuwiex allinjat mal-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tas-suq fil-mira jew jekk isir jaf b'ċirkostanzi oħra jn relatati mal-prodott li jżidu r-riskju ta' detriment għall-konsumatur.

### **Linja Gwida 21 – Dokumentazzjoni**

- 1.57. L-azzjonijiet kollha meħuda mid-distributur fir-rigward tal-arranġamenti ta' distribuzzjoni tal-prodott għandhom jiġu ddokumentati kif xieraq, jinżammu għall-finijiet ta' awditjar u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, jekk jitolbuhom.

## **Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar**

- 1.58. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont I-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont I-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkmandazzjonijiet.
- 1.59. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.60. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'räġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.61. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u għandhom jiġu rrappurtati bħala tali.

## **Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet**

- 1.62. Dawn il-Linji Gwida għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA wara l-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 25(2) tal-IDD.